Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-15 ta' Settembru, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO għas-Central Procurement and Supplies Unit (CPSU), Uffiċċju għad-Deputat Prim Ministru u Ministeru għas-Saħħa, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 17 ta' Settembru, 2026.

ERU1109U26 – Devices
ERU1109U26A – Medicinal
ERU1109U26B – Devices
ERU1109U26C – Devices
ERU1109U26D – Medicinal
ERU1109U26E – Devices
ERU1109U26F – Medicinal
ERU1109U26G – Devices
ERU1109U26H – Medicinal
ERU1109U26I – Devices
ERU1109U26K – Devices
ERU1109U26L – Devices
ERU1109U26M – Medicinal
ERU1109U26N - Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

Il-15 ta' Settembru, 2026

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

15th September, 2026

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO for the Central Procurement and Supplies Unit within the Office of the Deputy Prime Minister and Ministry for Health, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Thursday, 17th September, 2026.

ERU1109U26 – Devices
ERU1109U26A – Medicinal
ERU1109U26B – Devices
ERU1109U26C – Devices
ERU1109U26D – Medicinal
ERU1109U26E – Devices
ERU1109U26F – Medicinal
ERU1109U26G – Devices
ERU1109U26H – Medicinal
ERU1109U26I – Devices
ERU1109U26K – Devices
ERU1109U26L – Devices
ERU1109U26M – Medicinal
ERU1109U26N - Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

15th September, 2026

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

2387

B'digriet tat-18 ta' Mejju, 2026, mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), din il-Qorti ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt biex isservi ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodici tal-Proċedura u Organizzazzjoni Ċivili (Kap.12).

Illi b'rikors ippreżentat minn John Camilleri (KI 341757M) fl-1 ta' Marzu, 2018, qed jintalab l-iżbank fl-ammont ta' erbat elef, mitejn u sitta u tmenin ewro u tmintax-il ċenteżmu (€4,286.18) li ġew depożitati permezz

By a decree given on the 18th of May, 2026, given by the Magistrates Court (Malta) ordered that the extract hereunder mentioned be published for the purpose of service according to article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

That by the application filed by John Camilleri (ID 341757M) on the 1st March, 2018, is requesting the withdrawal of the amount of four thousand, two hundred and eighty six euro and eighteen cent (€4,286.18) deposited by

ta' Ċedola numru 393/2018 wara l-mandat ta' sekwestru 639/2016 fl-ismijiet:

John Camilleri (KI 341757M) vs Anton Abela (KI 238673M)

Il-Qorti ordnat in-notifika lil Anton Abela bi żmien għaxart (10) ijiem għar-risposta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum il-Ħamis, 10 ta' Settembru, 2026

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

the Schedule of Deposit number 393/2018 after garnishee order 639/2016 in the names of:

John Camilleri (ID 341757M) Vs Anton Abela (ID 238673M)

The Court ordered the notification to Anton Abela with ten (10) days to reply.

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today Thursday, 10th September, 2026

GAETANA AQUILINA
For Registrar of Courts and Civil Tribunals

2388

Permezz ta' digriet mogħti fit-13 ta' Lulju, 2026, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Carmelo Stivala Group Limited vs Victoria Bars Limited et, Rikors numru 357/2025CZ, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kjamat fil-kawża Jeffrey Forsyth a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Carmelo Stivala Group Limited vs Victoria Bars Limited u b'digriet tal-5 ta' Mejju, 2026, ġie kjamat fil-kawża Jeffrey Forsyth (KI 0258309A) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera fit-12 ta' Novembru, 2025, ir-rikorrenti Carmelo Stivala Group Limited talab lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

i. Jiddeċiedi l-kawża bid-dispensa tas-smigħ a tenur tal-Artikolu 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Jiddeciedi u jiddikjara li l-kirja datata l-1 ta' Jannar, 2022, hija terminata u li l-kumpanija intimata tilfet il-jedd li tkompli tikri l-fond bin-numru 111A, The Strand, Tas-Sliema, għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija;

iii. Jikkundanna lill-kumpanija intimat sabiex tiżgombra mill-fond bin-numru 111A, The Strand, Tas-Sliema, fi żmien qasir u perentorju li jiġi lilha prefiss.

Bl-ispejjeż kontra l-istess kumpanija intimta li minn issa hija msejħa sabiex tidher in subizzjoni.

Notifika: Jeffrey Forsyth, 34, Triq San Ġorġ, Ħal Qormi

Ir-rikors fl-ismijiet Carmelo Stivala Group Limited vs Victoria Bars Limited et, Rikors numru 357/2025CZ, jinsab differit għall-5 ta' Ottubru, 2026, fl-11.05 a.m.

By means of a decree of the 13th July, 2026, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Carmelo Stivala Group Limited vs Victoria Bars Limited et, Application Number 357/2025CZ, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Jeffrey Forsyth who was called into suit in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Carmelo Stivala Group Limit4ed vs Victoria Bars Limited and by means of a decree of the 5th May, 2026, Jeffrey Forsyth (ID 0258309A) was called into suit, filed in the Rent Regulation Board, on the 12th November, 2025, the applicant Carmelo Stivala Group Limited requested this Honourable Board why it should not:

i. Decide the cause without proceeding to trial in terms of Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta;

ii. Decides and declares that the lease dated 1st January, 2022, is terminated and that the respondent company lost the right to continue letting the premises with number 111A, The Strand, Tas-Sliema, for the reasons above mentioned;

iii. Condemn the respondent company to vacate the premises with number 111A, The Strand, Tas-Sliema, within a short and peremptory period that shall be fixed to it.

With costs against the same respondent company which is from now summoned so that a reference to its oath be made.

Notification: Jeffrey Forsyth, 34, Triq San Ġorġ, Ħal Qormi

The application in the names Carmelo Stivala Group Limited vs Victoria Bars Limited et, Application number 357/2025CZ has been postponed for hearing to the 5th October, 2026, at 11.05 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 11th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2389

Permezz ta' digriet mogħti fid-19 ta' Mejju, 2026, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors numru 40/2026BS fl-ismijiet Celine Giacosa pro et noe vs Olivier Usai, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Olivier Usai a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Celine Giacosa (KI 197759A) f'ismha proprju u bħala kuratriċi ta' wliedha l-minuri … omissis … vs Olivier Usai (KI 0266841A) fl-atti tar-rikors Numru 40/2026BS, ppreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-4 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti Celine Giacosa (KI 0197759A) talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tafda l-kura u l-kustodja taż-żewġ minuri … omissis …f'idejn ir-rikorrenti, b'dan illi l-minuri jkomplu jirrisjedu magħha, u d-deċiżjonijiet kollha li jirrigwardaw lill-minuri, kemm dawk ta' natura ordinarja kif ukoll dawk ta' natura straordinarja u ċoè dawk ta' edukazzjoni, reliġjon, saħħa u safar;

2. Tordna li l-omm tista' tapplika għal passaport għat-tfal waħedha u mingħajr il-ħtieġa tal-firma tal-missier u li l-omm tkun tista' wkoll tiġbor il-passaport waħedha u tkun tista' ssiefer mat-tfal mingħajr il-kunsens tal-missier;

3. Tillikwida u tiffissa manteniment għall-minuri li għandu jitħallas mill u dan sakemm l-istess minuri jagħlqu t-tmintax-il sena jekk jiddeċiedu li jieqfu mill-istudji tagħhom u jidbew jaħdmu fuq bażi full-time jew sa tlieta u għoxrin sena jekk jiddeċiedu li jkomplu bl-istudji tagħhom fuq bażi full-time b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluż provvediment għaż-żieda perjodika sabiex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja;

4. Tordna lill-konvenut iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa, edukazzjoni, child care u attivitajiet ekstrakurrikulari tal-istess minuri;

5. Tagħti dawk il-provvedimenti kollha xierqa u opportuni lijikkoncernaw lill-minuri, … omissis … u dan kollu taħt kull provediment xieraq u opportun li jogħġobha tagħti din l-Onorabbli Qorti.

By means of a decree of the 19th May, 2026, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the names Celine Giacosa pro et noe vs Olivier Usai, Application Number 40/2026BS, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Olivier Usai in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12)

By means of an Application in the records of the application Number 40/2026BS in the names Celine Giacosa (ID) 0197759A) in her own name and as curator of her minor children … omissis … vs Olivier Usai (ID 0266841A), filed in the Civil Court (Family Section), on the 4th March, 2026, the applicant Celine Giacosa (ID 0197759A) requested this Honourable Court to:

1. Entrust the care and custody of the two minors … omissis … to the applicant, however the minors continue to reside with her, and takes all decisions regarding the minors, both those of an ordinary nature and those of an extraordinary nature and namely those of education, religion, health and travel;

2. Order that the mother can apply for a passport for the children on her own and without the need of the father's signature and that the mother can also collect the passport alone and be able to travel with the children without the father's consent;

3. Liquidate and fix maintenance for the minors to be paid by and this until the same minor reaches eighteen years of age if they decide to give up their studies and start working on a full-time basis or up to twenty-three years if they decide to continue their studies on a full-time basis with all those modalities of payment, including provision for the periodic increase for cost of living increases;

4. Order the defendant to pay half the costs of health, education, child care and extra-curricular activities of the same minor;

5. Give all the appropriate and opportune provisions concerning the minors, … omissis … and all this under any appropriate and opportune provision that this Honourable Court deems fit to give.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa minn issa inġunt in subizzjoni.

Il-kawża fl-ismijiet Celine Giacosa pro et noe vs Olivier Usai (Rikors numru 40/2026BS) hija differita għas-27 ta' Ottubru, 2026, fid-8.45 a.m.

Rikorrenti: 94, Mayflower, Blokk B, Flat 3, Triq Andrew Cunningham, Il-Qawra SPB 1746

Notifika: Olivier Usai, 37, Triq is-Swieqi, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made.

The application in the names Celine Giacosa pro et noe vs Olivier Usai, Application number 40/2026BS, has been postponed for hearing to the 27th October, 2026, at 8.45 a.m.

Applicant: 94, Mayflower, Block B, Flat 3, Triq Andrew Cunningham, Qawra SPB 1746

Notification: Olivier Usai, 37, Triq is-Swieqi, Swieqi

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 11th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2390

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fl-10 ta' Settembru, 2026, il-Bord li Jirregola l-Kera (Għawdex u Kemmuna), ordna l-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt sabiex għal kull fini u effett tal-liġi jservi ta' notifika skont l-artikolu 931 et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

B'digriet mogħti fl-10 Settembru, 2026, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-assenti Christian Alexander Bouwman (passaport tar-Renju tal-Netherlands NUDR6P1K3) fl-atti tar-rikors numru 10/2026 FG fl-ismijiet 'David Mercieca et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Christian Alexander Bouwman (passaport tar-Renju tan-Netherlands NUDR6P1K3)' ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2026 fil-Bord li Jirregola l-Kera (Għawdex), u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti. Fl-imsemmi rikors qed jiġi mitlub sabiex il-Bord:

1. Prevja li jagħti kull dikjarazzjoni li tkun neċessarja jitolbu lil dan l-Onorabbli Bord wara li jogħġbu jordna d-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Art 16A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u jordna lill-intimati jew kwalunkwe terzi mhux magħrufa li qegħdin jokkupaw il-fond sabiex jiżgumbraw il-fond f'75, Triq ir-Ramla, In-Nadur, Għawdex, fiż-żmien qasir u perentorju u jagħtu lura l-pussess vakanti

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Court of Magistrates (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 10th of September, 2026, the Rent Regulation Board (Gozo), ordered the publication of the extract reproduced below so that for all purposes and effect of the law serves as a notification in terms of article 931 et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By a decree given on the 10th of September 2026 it was ordered that a Deputy Curator be chosen according to the law to represent the absent Christian Alexander Bouwman (passport of the Kingdom of the Netherlands NUDR6P1K3) in the acts of the application number 10/2026 FG in the names 'David Mercieca et vs Deputy Curators to represent the absent Christian Alexander Bouwman (passport of the Kingdom of the Netherlands NUDR6P1K3)' filed on the 12th of August in the Rent Regulation Board (Gozo and Comino), and in all other relative and subsequent acts. In the said application it is being requested that the Board:

1. Subject to issuing any necessary declarations, request this Honourable Board having ordered the waiver of the hearing pursuant to Article 16A of Cap. 69 of the Laws of Malta and order the respondents or any unknown third parties who are occupying the premises to vacate the property situated at 75, Triq ir-Ramla, Nadur, Gozo, within a short and peremptory timeframe and to surrender the vacant

tal-imsemmi fond lill-esponenti u jogħġbu jordna u jiddeċiedi li l-fond de quo ma jiġix rilokat lill-intimat.

2. Jordna lill-intimat iħallas dawk il-kirjiet kollha arretrati u ammonti dovuti.

3. Jiddikjara li 'n effetti l-intimat kiser il-kundizzjonijiet tal-kirja u konsegwentement jiġi ordnat li l-kirja tiġi mitmuma u l-eventwali żgumbrament mill-fond tal-intimat wara perjodu qasir u perentorju.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, dan il-Bord jgħaddi biex jagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil dan il-Bord.

Mogħti mill-Bord li Jirregola l-Kera hawn fuq imsemmi bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Franca Giordmaina, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., Chairman tal-Bord hawn fuq imsemmi.

Illum 10 ta' Settembru, 2026

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

MARY JANE ATTARD
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

possession of the said property to the applicants and requests the Board to order and decree that the property in question shall not be re-let to the respondent.

2. Order the respondent to pay all outstanding rents and amounts due.

3. Declare that the respondent has effectively breached the terms of the lease and consequently order the termination of the lease and the eventual eviction of the respondent from the property within a short and peremptory timeframe;

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Court and hereby summon anyone who wants to appear as curator to appear within six (6) days in this Registry and file a note declaring that he so wishes.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not make this declaration within the time given above, this Board will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Board.

Given by the abovesaid Rent Regulation Board with the testimony of the Magistrate Dr Franca Giordmaina, LLD, Dip. Trib. Eccles. Melit., Chairman of the above-mentioned Board.

Today 10th of September, 2026

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

MARY JANE ATTARD
Deputy Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

2391

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Jannar, 2026, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5246/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Patrick Spiteri, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Patrick Spiteri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 24 ta' Novembru, 2025

Lil Patrick Spiteri (KI 43465M) ta' Palazzo Għerxija, Triq Wied Qannotta, Burmarrad, San Pawl il-Baħar

By means of a decree of the 27th January, 2026, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 5246/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Patrick Spiteri, the following publication for the purpose of service on the respondent Patrick Spiteri was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 24th November, 2025

To Patrick Spiteri (ID 43465M) of Palazzo Għerxija, Triq Wied Qannotta, Burmarrad, St Paul's Bay

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Blokk 5, Triq Vincenzo Dimech, Il-Furjana, jinterpellak ai termini tal-Artiklu 59 tal-Att XXIII tal-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-att, tħallas l-ammont ta' €26,648.72 rappreżentanti ammont dovut minnek bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skont l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax skont l-imsemmi Att XXIII tal-1998 sad-data tal-effettiv pagament.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi, u partikolarment, iżda mhux esklussivament sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li l-istess Kummissarju tat-Taxxa u Dwana għandu kontra tiegħek permezz tal-avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi sabiex jesegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu kontra tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant sabiex tirregola ruħek u tagħraf timxi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

By the present the Commissioner for Tax and Customs of Block 5, Triq Vincenzo Dimech, Floriana, calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998, so that within two (2) days from the service of this act, you pay the amount of €26,648.72 representing amount due by you as Value Added Tax.

With costs and interest according to the said Act XXIII till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law, particularly, but not exclusively, in order to render executable the executive title which the same Commissioner for Tax and Customs has against you, by means of a notice sent to you.

In default, the interpellants inform you that they shall pass to execute the said executive title they have against you pro et noe by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Registry of the Superior Courts, today 11th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2392

Permezz ta' digriet mogħti fil-15 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1213/2026, fl-ismijiet John Cachia et vs Andrew James Winters ġiet ordnata is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 11 ta' Marzu, 2026

Lil Andrew James Winters (KI 364487M) ta' 27, Triq San Filippu, L-Isla

Permezz tal-preżenti John Cachia (KI 513554M), Saviour Cachia (KI 458448M), Maria Victoria Xuereb (KI 662452M), Emanuela sive Lilian Vassallo (KI 532845M), Maria Grazia Azzopardi (KI 120537M), Charles Cachia (KI 36036M) u Maria sive Vincenza Zammit Pace (KI 531141M) fil-vesti tagħhom ta' użufruttwarji u kif ukoll Karl Cachia (KI 173188M), Nadia Spiteri (KI 330464M), Gordon Cachia (KI 223366M), John Cachia (KI 142171M), Paul Azzopardi (KI 477166M), Mark Azzopardi (KI 22768M),

By means of a decree of the 15th July, 2026, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1213/2026, in the names John Cachia et vs Andrew James Winters, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 11th March, 2026

To Andrew James Winters (ID 364487M) of 27, Triq San Filippu, Senglea

By the present John Cachia (ID 513554M), Saviour Cachia (ID 458448M), Maria Victoria Xuereb (ID 662452M), Emanuela sive Lilian Vassallo (ID 532845M), Maria Grazia Azzopardi (ID 120537M), Charles Cachia (ID 36036M) and Maria sive Vincenza Zammit Pace (ID 531141M) in their capacity as usufructuaries and also Karl Cachia (ID 173188M), Nadia Spiteri (ID 330464M), Gordon Cachia (ID 223366M), John Cachia (ID 142171M), Paul Azzopardi (ID 477166M), Mark Azzopardi (ID 22768M), Thomas Azzopardi (ID

Thomas Azzopardi (KI 464468M), James Azzopardi (KI 297774M), Mariella Agius (KI 391069M), Rodney Vassallo (KI 518378M), Graziella Dimech (KI 29782M), Alexander Cachia (KI 124980M), Amanda Vassallo (KI 32379M), Alison Sciberras (KI 531381M), Leon Xuereb (KI 432882M), Kristina Caruana (KI 428687M), Roderick Zammit Pace (KI 460073M), Rachelle Demicoli (KI 60270M) ta' 1, Triq Santa Bernardetta, Il-Qrendi, bħala sidien, ilkoll flimkien fis-sehem tan-nofs indiviż tal-fond 27, Triq San Filippu, L-Isla, filwaqt li jagħmlu referenza għall-iskrittura tal-10 ta' Ottubru, 2006, meta l-fond ġie mikri lilek, jinfurmawk li huma mhux qed jagħtu kunsens għat-tiġdid tal-kirja meta tagħlaq l-iskadenza li jmiss fl-10 ta' Ottubru, 2026.

Għalhekk, permezz tal-preżenti jitlobuk sabiex tagħti l-pussess battal lill-mittenti meta tagħlaq l-imsemmija skadenza.

Fin-nuqqas jittieħdu proċeduri ulterjuri skont il-liġi.

Il-mittenti minn issa stess qed iżommuk responsabbli għad-danni li jistgħu jsofru minħabba l-inadempjenza tiegħek.

Din l-ittra uffiċjali qed issir a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1568 u inter alia l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodiċi.

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

464468M), James Azzopardi (ID 297774M), Mariella Agius (ID 391069M), Rodney Vassallo (ID 518378M), Graziella Dimech (ID 29782M), Alexander Cachia (ID 124980M), Amanda Vassallo (ID 32379M), Alison Sciberras (ID 531381M), Leon Xuereb (ID 432882M), Kristina Caruana (ID 428687M), Roderick Zammit Pace (ID 460073M), Rachelle Demicoli (ID 60270M) of 1, Triq Santa Bernardetta, Qrendi, as owners, all together in the half undivided share of the premises 27, Triq San Filippu, Senglea, whilst making reference to the agreement of the 10th October, 2006, when the premises was leased to you, inform you that they are not giving consent for the renewal of the lease when the next instalment expires on the 10th October, 2026.

Thus, by means of the present they solicit you to give the vacant possession to the interpellants when the said deadline expires.

In default further procedures according to law will be taken.

The interpellants are from now on holding you responsible for the damages they may suffer due to your default.

This judicial letter is being made in terms of the provisions of Article 1568 and inter alia Articles 1031 and 1032 of the Civil Code.

Registry of the Superior Courts, today 11th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2393

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Lulju, 2025, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1444/2025, fl-ismijiet Automated Revenue Management Services Ltd noe vs Januarius Dimech, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Januarius Dimech a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Illum 23 ta' April, 2025

Lil Januarius Dimech (KI 788946M) ta' 202, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta

Permezz tal-preżenti Automated Revenue Management Services Ltd (C46054) ta' Gattard House, Triq Nazzjonali,

By means of a decree of the 15th July, 2025, handed down by the Court of Magistrates (Malta) in the records of the judicial letter number 1444/2025 in the names Automated Revenue Management Services Limited noe vs Januarius Dimech the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Januarius Dimech in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the Court of Magistrates (Malta)

Today 23rd April 2025

To Januarius Dimech (ID 788946M) of 202, Triq ir-Repubblika, Valletta

By the present, Automated Revenue Management Services Limited (C46054) of Gattard House, Triq

Blata l-Bajda, Malta, f'isimha proprju u għan-nom ta' Enemalta plc u l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, qed tinnotifikak bl-annessa dikjarazzjoni ġuramentata mmarkata bħala Dokument A għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u qed tinterpellak sabiex tħallas is-somma ta' €2,128.32, liema ammont huwa ċert, likwidu u dovut u rappreżentanti bilanċ dovut għall-konsum tal-ilma u elettriku, kera ta' meter tal-ilma u l-elettriku, spejjeż amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull ħlas ieħor skont ir-regolamenti fuq il-provvista tal-elettriku jew ir-regolamenti dwar il-fornitura tal-ilma, flimkien mal-imgħax dovut fuq l-ammont skont il-liġi relatat mal-kontijiet tas-servizzi utili bin-numru 101000155193 ossija dwar il-fond bl-indirizz 202, Triq ir-Repubblika, I-Belt Valletta.

Nonostante diversi interpellazzjonijiet mill-mittenti għall-ħlas tal-ammont dovut, inti nqast milli tħallas sal-ġurnata tal-preżentata ta' din l-ittra. Aktar minn hekk ma hemm l-ebda raġuni valida għal din l-inadempjenza u int qatt ma kkontestajt l-ammont dovut.

Dan l-att qiegħed jintbagħat lilek għall-finijiet u l-effetti kollha tal-liġi u fin-nuqqas ta' pagament jew oppożizzjoni daparti tiegħek fit-termini tal-imsemmi Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, il-mittenti tgħaddu biex tesegwixxu dan il-kreditu skont il-liġi.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Nazzjonali, Blata l-Bajda, Malta, in its own name and on behalf of Enemalta plc and Water Services Corporation, notifies you with the attached sworn declaration marked as Document A for all the purposes and effects of Article 466 of Cap. 12 of the Laws of Malta and solicits you to pay the amount of €2,128.32, which amount is sure, liquid and due and representing the balance due for the consumption of water and electricity, rent of water and electricity meter, administrative fees, connection and disconnection fees, and/or any other payment according to the electricity supply regulations and the water supply regulations together with interest due on the amount according to Law regarding the utility bills with number 101000155193 regarding the premises with address 202, Triq ir-Repubblika, Valletta.

Despite several solicitations by the applicant company for the payment of the amount due, you remained in default and did not pay till the day of the filing of this judicial letter. In addition, there is no valid reason for your failure to pay and you never contested the amount due.

This act is being sent to you for all the purposes and effects of law and in default of payment or opposition on your part within the time mentioned in Article 466 Cap. 12 of the Laws of Malta, the applicant company shall proceed to enforce this credit according to law.

With costs

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 11th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2394

Permezz ta' digriet mogħti fit-18 ta' Awwissu, 2026, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1792/2026, fl-ismijiet Finance House plc vs Ivan Ristovski, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Ivan Ristovski a tenur tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Ivan Ristovski (KI 156118A) ta' 13, Shalom, Flat 1, Triq il-Lampuki, San Pawl il-Baħar, fit-3 ta' Ġunju, 2026, Finance House plc (C58869) ta' Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, L-Imsida, tagħmillek referenza għall-kambjali ffirmati u aċċettati minnek numerati minn numru 6 san-numru 13, kopja ta' liema qed jiġu annessi ma' din l-ittra uffiċjali, u peress illi dawn il-kambjali kellhom jitħallsu kull nhar il-5

By means of a decree of the 18th August, 2026, in the records of the judicial letter number 1792/2026, in the names Finance House plc vs Ivan Ristovski, the Courts of Magistrates (Malta) ordered the following publication for the purpose of service of the respondent Ivan Ristovski in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Ivan Ristovski (ID 156118A) of 13, Shalom, Flat 1, Triq il-Lampuki, St Paul's Bay, on the 3rd June, 2026, Finance House plc (C58869) of Agora Business Centre, Level Three, Triq il-Wied tal-Imsida, Msida, referred to the bills of exchange signed and accepted by you numbered 6 till 13, a copy of which is being attached with this judicial letter, and noted that these bills of exchange had to be paid every 5th day of the month and

tax-xahar u żoè bejn il-5 ta' Ottubru, 2025 u l-5 ta' Mejju, 2026, rispettivament, baqgħu ma tħallsux minkejja li għadda t-tali żmien u minkejja li ġejt interpellat kemm-il darba, tinterpellak sabiex entru jumejn (2) min-notifika lilek ta' dina l-ittra uffiċjali tħallas lill-kumpanija mittenti s-somma kumplessiva ta' €3,203.04 rappreżentanti import tal-imsemmija kambjali, liema kambjali ġew minnek iffirmati u baqgħu ma tħallsux.

Il-kumpanija mittenti tavżak illi jekk tonqos milli tottempra ruħek mas-su espost se tipproċedi bl-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għall-fini u l-effetti kollha tal-ligi, kun avżat illi ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta għandek id-dritt sabiex fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika ta' din l-ittra uffiċjali tippreżenta rikors sabiex topponi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija kambjali minħabba r-raġuni illi l-firma fuq il-kambjala mhijiex tiegħek jew minħabba raġuni gravi u valida.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż, inklużi tal-preżenti, kontra tiegħek u bl-imgħaxijiet legali mid-data rispettiva ta' kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat sabiex trendi l-imsemmija kambjala eżegwibbli ai termini tal-Artikolu 256(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

that is between the 5th October, 2025 and 5th May, 2026, respectively, and you remained in default although time has passed and although you were solicited several times, so it solicits you so that within two (2) days from the notification of this judicial letter you pay the interpellant company the total amount of €3,203.04 representing the value of the said bills of exchange, which bills of exchange were signed by you and you remained in default.

The interpellant company warns you that if you fail to abide with the above the company will proceed for the execution of the said bills of exchange in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

For all the effects and purposes of law, you are warned that in terms of article 253(e) of Cap. 12 of the Laws of Malta you have the right so that within twenty (20) days from the notification of this judicial letter you file an application to oppose the execution of the said bill of exchange on the basis that the signature on the bill of exchange is not yours or for grave and valid reasons.

So much so may know how to proceed and regulate yourself.

With costs, including of this present against you and with legal interest from the date of expiry of the said bills of exchange till the date of effective payment.

This judicial letter is being sent to render the said bill of exchange executable in terms of Article 256(2) of Cap. 12 of the Laws of Malta.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 11th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2395

Permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Ottubru, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1842/2025, fl-ismijiet Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Stephen Mallia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Permezz ta' ittra uffiċjali ppreżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) lil Stephen Mallia (KI 546371M) ta' Razzett ta' Cikka, Triq tal-Milord, Il-Bidnija, Il-Mosta MST 5054, fil-15 ta' Mejju, 2025, il-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana ta' Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta, Il-Furjana, jinterpellak sabiex fi żmien jumejn tħallas is-somma ta' €4,141 bilanċ minn somma akbar

By means of a decree of the 14th October, 2025, given by the Courts of Magistrates (Malta), in the records of the judicial letter number 1842/2025, in the names Commissioner for Tax and Customs vs Stephen Mallia, ordered the following publication for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

By means of a judicial letter filed in the Courts of Magistrates (Malta) against Stephen Mallia (ID 546371M) of Razzett ta' Cikka, Triq tal-Milord, Bidnija, Mosta MST 5054, on the 15th May, 2025, the Commissioner for Tax and Customs of Administration of Tax and Customs of Malta, Floriana, calls upon you so that within two days you pay the sum of €4,141 balance from a greater amount representing

rappreżentanti taxxa fuq id-dħul jew taxxa proviżorja għassena ta' stima 2023 skont l-avviż/talba għall-ħlas hawn unit animo ritirandi u mmarkat Dok. A.

Billi inti nqast li tħallas l-ammont dovut lill-mittenti minkejja t-talba għall-ħlas li saritlek (ara l-istess Dok. A fuq citat) il-mittenti javzak li jekk tonqos li tħallas l-ammont dovut fiż-żmien hawn lilek prefiss, huwa jipproċedi għall-esekuzzjoni tat-titolu ottenut ai termini tal-Artikolu 40 tal-Att dwar l-Amministrazzjoni tat-Taxxa.

Ħallas l-ispejjeż ta' dan l-Att

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

the tax from the income or provisional tax for the year of assessment 2023 according to the notice/demand for Payment here attached animo ritirandi and marked as Doc. A.

Because you failed to pay the amount due to the interpellant although a demand for payment was made (see the same Doc. A abovementioned), the interpellant warns you that if you fail to pay the amount in the time given, he will proceed for the execution of his executive title given in terms of Article 40 of the Income Tax Management Act.

Pay the costs of this act

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today 11th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2396

Permezz ta' digriet mogħti fit-30 ta' Lulju, 2026, mill-Qorti Prim'Awla, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1915/2026, fl-ismijiet L-Awtorità tad-Djar vs Mark Lawrence Rizzo, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika a tenur tal-Artikolu 187(3) et seq tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 23 ta' April, 2026

Lil Mark Lawrence Rizzo (KI 216383M) ta' La Sengle, Appartment 1, Triq Frans Grech, Wied il-Għajn

Permezz tal-preżenti l-Awtorità tad-Djar ta' 22, Triq Pietro Floriani, Il-Furjana, tirreferi għall-fond La Sengle, Appartment 1, Triq Frans Grech, Wied il-Għajn. Tali fond huwa proprjetà amministrata mill-mittenti u int qed tokkupa l-fond mingħajr titolu validu fil-liġi.

Għaldaqstant, l-Awtorità tad-Djar qiegħda b'din l-ittra tinterpellak sabiex ai termini tal-artikoli 9(1) u l-artikoli sussegwenti tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern, Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta, int tiżgombra mill-fond imsemmi fi żmien tletin (30) jum min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali u dan għaliex:

Inqast milli tħallas mill-inqas żewġ skadenzi ta' kumpens dovut għall-okkupazzjoni tal-fond imsemmi;

Mingħajr ebda preġudizzju għas-su espost ksirt jew inqast milli twettaq imqar kundizzjoni waħda li tkun indikata fil-kuntratt li bis-saħħa tiegħu qed tokkupa l-fond imsemmi.

By means of a decree of the 30th July, 2026, of the Civil Court First Hall in the records of judicial letter number 1915/2026, in the names Housing Authority vs Mark Lawrence Rizzo, the following publication was ordered for the purpose of effecting service in terms of Article 187(3) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 23rd April, 2026

To Mark Lawrence Rizzo (ID 216383M) of La Sengle, Appartment 1, Triq Frans Grech, Wied il-Għajn

By the present Housing Authority of 22, Triq Pietro Floriani, Floriana, refers you to the premises La Sengle, Appartment 1, Triq Frans Grech, Wied il-Għajn. Such premises is administered by the interpellant and you are occupying the premises without any valid title at law.

Thus, the Housing Authority is hereby soliciting you so that in terms of Articles 9 (1) and subsequent articles of the Government Lands Act, Cap. 573 of the Laws of Malta, you vacate the premises mentioned within thirty (30) days from the service of this judicial letter and this because:

Failed to pay at least two compensation instalments due for the occupation of the said premises;

Without prejudice to the above you breached or failed to fulfil at least one condition indicated in the contract by virtue of which you are occupying the said premises.

Din l-ittra uffiċjali qed tintbagħat ai termini tal-artikolu 9 u artikoli sussegwenti tal-Att dwar l-Artijiet tal-Gvern, Kap. 573 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek

Bl-ispejjeż u bl-interessi

Reġistru tal-Qrati tal-Superjuri, illum 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

This judicial letter is being sent in terms of Article 9 and subsequent articles of the Government Lands Act, Cap. 573 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourselves

With costs and interest

Registry of the Superior Courts, today 11th September, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2397

ARB/C109/2026 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fit-22 ta' Awwissu, 2026, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Giannella Camilleri Busuttil, LLD). Kumpilazzjoni Numru 8066/2026, fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

AMADU DJEGMA, self-employed, ta' 52 sena, bin il-mejjet Muriule u mejta Havzerta, imwieled f'Burkina Faso, fl-1 ta' Jannar, 1974, u resident fi 2, Pierre, Triq il-Ħarifa, San Pawl il-Baħar, u detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 41270A.

Il-Qorti ordnat is-sekwestru tal-flus kollha u ta' proprjetà mobbli oħra kollha dovuti lil jew li jappartjenu lil jew li huma proprjetà ta' AMADU DJEGMA, sabiex dawn jiġu ssekwestrati f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi jew b'xi mod ieħor jiddisponi minn proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar id-Drogi Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 120A(2A) tal-Kap. 31 Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti awtorizzat lill-imputat jirċievi sa massimu tas-somma totali ta' tlettax-il elf, disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) kull sena, fi ħlasijiet indaqs, u huwa għandu jispeċifika s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas ta' din is-somma.

ARB/C109/2026 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 22nd August, 2026, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Giannella Camilleri Busuttil, LLD). Compilation Number 8066/2026, in the case:

The Republic of Malta

Versus

AMADU DJEGMA, self-employed, 52 years, son of late Muriule and late Havzerta, born at Burkina Faso, on the 1st January, 1974, and residing at 2, Pierre, Triq il-Ħarifa, St Paul's Bay, Malta, and holder of Maltese identity card number 41270A.

The Court ordered the attachment of all monies and other movable property due or pertaining or belonging to AMADU DJEGMA and be attached in the hands of third parties in general and prohibits the accused from transferring or otherwise disposing of movable or immovable property and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 120A (2A) of Cap. 31 Medical and Kindred Professions Ordinance of the Laws of Malta and Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta.

The Court authorized the accused to receive up to the total sum of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) every year, in equal payments and he shall specify the source, manner and other modalities of payments of such amount.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, Artikolu 120A(2A) u Artikolu 23A, tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Any person who does anything in breach of the Court order referred to in Article 22A, Article 120A(2A) and Article 23A shall be guilty of an offence and, upon conviction, shall be liable to a fine (multa) of not more than eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a term of not more than twelve months, or to both such fine and imprisonment together.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Ilum 11 ta' Settembru, 2026

IS-SA EUNICE GRECH FIORINI
Direttur, Uffiċju għall-Irkupru tal-Assi

Today 11th September, 2026

MS EUNICE GRECH FIORINI
Director, Asset Recovery Bureau

2398

Permezz ta' digriet mogħti fil-1 ta' Lulju, 2026, mill-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Jacqueline England et vs Anthony Busuttil et Rikors Nru 13/2024PV, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Anthony Busuttil a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12).

By means of a decree of the 1st July, 2026 of the Rural Leases Control Board, in the records of the Application in the names Jacqueline England et vs Anthony Busuttil et, Application Number 13/2024PV, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anthony Busuttil in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Jacqueline armla minn Paul England et vs Anthony Busuttil et ippreżentat fil-Bord Dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba, fl-20 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrenti Jacqueline England (KI 550851M) et talbu lil dan l-Onorabbli Bord sabiex:

By means of an application in the names Jacqueline widow of Paul England et vs Anthony Busuttil et filed in the Rural Leases Control Board, on the 20th March, 2026, the applicant Jacqueline England (ID 550851M) et requested this Honourable Board to:

1. Jordna l-korrezzjoni fir-rikors promotorju specifikament fil-paragrafu numru wieħed (1) u fit-talba tal-istess rikors sabiex isir sostituzzjoni tal-kejl "erbgħa t'itmiem, ħames siegħan u ħames kejliet (4T 5S 5K)" għal kejl ta' "ħamest elef sebgħa mija u sitta u tmenin metri kwadri (5786m²)" u dan ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

1. Order the correction in the original application specifically in paragraph number one (1) and in the request of the same application so that there be a substitution in the measurement "four titmiem, five siegħan and five kejliet (4T 5S 5K)" for the measurement of "five thousand seven hundred and eighty six square metres (5786 m ²)" and this in terms of Article 175 of Chapter 12 of the Laws of Malta;

2. Terġa' tappunta lill-Perit Tekniku Alexie Pace u l-Espert Agronomu Ryan Cilia, sabiex jergħu jaċċedu fil-fond u raba in kwistjoni u dan sabiex jieħdu l-istima fl-estent sħiħ tal-art in kwistjoni fil-kejl kumplessiv ta' ħamest elef, sebgħa mija u sitta u tmenin metri kwadri (5786m²) u sussegwentement jerġgħu jippreżentaw rapport aġġornat bil-valur kumplessiv.

2. Appoints again the technical architect Alexie Pace and the agronomic expert Ryan Cilia, to access once again the premises and land in question and this to make an estimate of the full extent of the land in question in the overall measurement of five thousand, seven hundred and eighty six square metres (5786 m ²) and subsequently submit an updated report with the overall value.

Rikorrenti: c/o 198, Triq l-Ifran, il-Belt Valletta.

Applicant: c/o 198, Triq l-Ifran, Valletta.

Notifika: Anthony Busuttil – 31 Jeander, Triq il-Horton, Marsaskala

Fil-Bord Dwar il-Kontroll ta' Kiri ta' Raba

Magistrat: Dott. Patrick Valentino LLD.

Il-Bord,

Ra ir-rikors datat 20 ta' Marzu, 2026;

Tordna qabelxejn li jiġu notifikati l-intimati kollha b'terminu ta' għaxart (10) ijiem għar-risposta.

…Omissis…

Ilum, 10 ta' April, 2026

Ir-rikors fl-ismijiet Jacqueline England et vs Anthony Busuttil, rikors numru 13/2025VP jinsab differit għad-9 ta' Ottubru, 2026 fl-9.45 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Notification: Anthony Busuttil – 31 Jeander, Triq il-Horton, Marsaskala.

In the Rural Leases Control Board

Magistrate: Dr Patrick Valentino LLD.

The Bord,

Saw the application dated 20th March, 2026;

Orders in the first place that all the respondents be notified with a period of ten (10) days to file a reply.

…Omissis…

Today, 10th April, 2026

The application in the names Jacqueline England et vs Anthony Busuttil et, Application Number 13/2024VP has been postponed for hearing to the 9th October, 2026 at 9.45 a.m.

Registry of the Superior Courts, today, 11th September, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2399

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tat-12 ta' Frar, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika fil-konfront ta' Saleh Alaiwi skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Elmo Insurance Limited (C-3500) ta' Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex, ippreżentat Talba, fil-5 ta' Frar, 2026, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Saleh Alaiwi (KI 128497A) ta' 231, Triq il-Karmnu, Birkirkara, sabiex jħallas lis-soċjeta attriċi s-somma ta' €1,931.60 liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż numru 25/2026CC) hija differita għas-26 ta' Ottubru, 2026, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum, l-11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 12th February, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Saleh Alaiwi.

Elmo Insurance Limited (C-3500) of Triq Abate Rigord, Ta' Xbiex filed a Claim on the 5th February, 2026, whereby they asked the Tribunal to condemn Saleh Alaiwi (ID 128497A) of 231, Triq il-Karmnu, Birkirkara, to pay the plaintiff company the sum of €1,931.60 which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim number 25/2026CC) is deferred on the 26th October, 2026, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today, 11th September, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2400

Illi b'digriet tat-Tribunal Industrijali, tat-2 ta' Settembru, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap 12) fuq Viviana Alejandra Restrepo Galindo.

AMD Consulting Ltd (C89599) ta' Sunrise Lower Court, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara ippreżentat talba numru 4542JG, fl-4 ta' Novembru, 2025, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jiddikjara lil Viviana Alejandra Restrepo Galindo (KI 0460382A) ta' Mon Repose, Fl 7, Triq Carmelo de Lucca, San Pawl il-Baħar:

1. Li l-intimata kisret id-dispożizzjonijiet tal-Kap 452 tal-Liġi ta' Malta, l-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali meta ttermina l-impjieg tagħha;

2. Jikkundanna lill-intimata biex tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1,656 jew somma verjuri ai termini tal-Artikolu 36(12) tal-Kap 452 tal-Ligi ta' Malta, l-Att dwar l-Impjiegi u ir-Relazzjonijiet Industrijali;

3. Jillikwida kumpens xieraq u ġust pagabbli lis-soċjetà rikorrenti għal telf ta' negozju li setgħet sofriet minħabba l-aġir tal-intimat;

4. Jikkundanna lill-intimata biex tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont likwidat skont it-tielet talba.

Bl-ispejjeż kontra l-intimata li hija min issa nġunta in subizzjoni.

Notifika: Viviana Alejandra Restrepo Galindo (KI 0460382A) ta' Mon Repose, Fl 7, Triq Carmelo de Lucca, San Pawl il-Baħar.

Il-każ jinsab differit għas-7 ta' Ottubru, 2026 fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta) illum, 11 ta' Settembru, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Industrial Tribunal of 2nd September, 2026, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on Viviana Alejandra Restrepo Galindo in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12).

AMD Consulting Ltd (C89599) of Sunrise Lower Court, Triq Olaf Gollcher, Birkirkara, filed an application number 4542JG on the 4th November 2025, whereby the plaintiff company asked the Tribunal to declare that Viviana Alejandra Restrepo Galindo (ID 0460382A) of Mon Repose, Fl 7, Triq Carmelo de Lucca, San Pawl il-Baħar :

1. Breached the provisions of Cap 452 of the Laws of Malta, the Employment and Industrial Relations Act when she abandoned her employment;

2. Order the respondent to pay the plaintiff company the sum of €1,656 or any other sum in terms of Article 36 (12) of Cap 452 of the Laws of Malta, the Employment and Industrial Relations Act;

3. Liquidate the appropriate and just compensation payable to the applicant company for the loss of business which it may have suffered due to the behaviour of the respondent;

4. Order the respondent to pay the applicant company the amount liquidated according to the third demand.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to her oath be made.

Notification: Viviana Alejandra Restrepo Galindo (ID 0460382A) of Mon Repose, Fl 7, Triq Carmelo de Lucca, San Pawl il-Baħar

The Case is adjourned to the 7th October, 2026 at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta) today, 11th September, 2026.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2401

Permezz ta' digriet mogħti, mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fl-1 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-rikors 168/2024 fl-

By means of a decree delivered on the 1st July, 2026, by the Court of Appeal (Inferior, Civil) in the records of

ismijiet Mary Rose Borg et vs Mario Caruana, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' Mario Caruana a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 168/2024 ippreżentat fit-13 ta' Frar, 2026 fl-ismijiet premessi, l-esponenti appellanti Mary Rose Borg et, ħassew ruħhom aggravati mis-sentenza deċiża fit-28 ta' Jannar, 2026, fejn il-Bord li Jirregola l-Kera qata' u ddeċieda l-kawża billi laqa' ir-risposta tal-intimati filwaqt illi ċaħad it-talbiet kollha rimanenti tar-rikorrenti u għalhekk qed tinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dawn l-aggravji: (1) illi l-Bord li Jirregola l-Kera ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-interpretazzjoni tal-kelma "destinat" bħala obbligazzjoni, madanakollu fl-iskrittura din il-kelma ma ssemmietx fil-parti tal-pattijiet u kundizzjonijiet però f'paragrafu preliminari, (2) illi l-Bord injora, fil-fehma tal-appellanti, li fl-istess skrittura, l-inkwilin xtara l-għodda u l-inġenji relatati ma' dan ix-xogħol speċifiku hekk kif il-loġika ma tippermettix li wieħed jixtri makkinarju għall-ħġieġ u ż-żebgħa biex imbagħad ikollu dritt jibdel il-post f' ħanut b'ġeneru ieħor. Dan għaliex l-iskrittura tniżżel l-attivitajiet permessi u tispeċifika l-użu tal-fond. (3) l-interpretazzjoni tal-fatt li l-fond inkera bħala post vojt ma jfissirx li l-inkwilin seta' jagħmel li jrid bih. (4) illi l-Bord stqarr li peress li l-klawżola tas-sullokazzjoni ma tennietx ir-restrizzjoni tal-użu, l-inkwilin kien liberu li jissulloka għal kwalunkwe negozju.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq elenkati u esposti, l-appellanti jitolbu bir-rispett li l-Onorabbli Qorti tal-Appell jogħġobha tilqa' dan l-appell tagħhom billi tirrevoka u tħassar is-sentenza appellata tat-28 ta' Jannar, 2026, fil-kawża fl-ismijiet fuq premessi, tilqa' t-talbiet tagħhom u konsegwentament tiċħad ir-risposti mressqa mill-appellat bl-ispejjeż kontrih.

Ir-Rikors ġuramentat numru 164/2024 fl-ismijiet hawn fuq huwa diferit għas-7 ta' Ottubru, 2026, fl-9.40 a.m.

Notifika: Mario Caruana – 10, Sqaq Clarence, l-Imsida

Reġistru tal-Qrati Inferjuri (Appelli), illum, il-31 t' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Application 168/2024 in the names Mary Rose Borg et vs Mario Caruana, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Mario Caruana in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of the application of Appeal number 168/2024 filed on the 13th February, 2026 in the names premised, the applicant appellant Mary Rose Borg et, felt aggrieved by the judgment delivered on the 28th January, 2026, whereby the Rent Regulation Bord decided the cause by upholding the reply of the respondents whilst dismissing all the remaining demands of the applicant and thus is filing this humble appeal before this Honourable Court on the following grounds: (1) the Board based its decision on the interpretation of the word "destined" as an obligation, however in the private writing this word was not mentioned in the part on the terms and conditions but in a preliminary paragraph, (2) the Board ignored, in the opinion of the appellants, that in the same writing, the tenant bought the tools and implements related to this specific work as logic does not allow one to buy the glass and paint machines so that he will then have the right to change the premises into a shop of another type. This is because the privat writing specifies the permitted activities and the use of the premises; (3) the interpretation of the fact that the premises were leased as an empty place does not mean that the tenant could do with it whatever he deemed fit; (4) the Board stated that since the sublease clause did not repeat the usage restriction, the lessee was free to sublet for any business.

Therefore, for the reasons above listed and exposed, the appellants respectfully request that the Honourable Court of Appeal upholds their appeal by revoking and cancelling the judgment dated 28th January, 2026, in the names above premised, upholds their demands and consequently dismiss the replies brought forward by the respondent with costs against him.

Sworn application number 164/2024 in the names above is postponed to the 7th October, 2026, at 9.40 a.m.

Notify: Mario Caruana – 10, Sqaq Clarence, Msida

Registry of the Inferior Courts (Appeals), this day, 31st August, 2026

DR FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2402

Permezz tad-digriet mogħti mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fit-13 ta' Lulju, 2026, fl-atti tar-Rikors 2/26 fl-ismijiet Graziella Schembri Adami vs L-Awtorità tal-Ippjanar et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-Sergio Camilleri a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Permezz tar-Rikors tal-Appell numru 2/26 ippreżentat fit-2 ta' Frar, 2026 fl-ismijiet premessi, l-esponenti appellanti Graziella Schembri Adami, ħasset ruħha aggravata mid-deċiżjoni tat-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar isdatata fil-15 ta' Jannar, 2026, fejn qatgħet u ddeċidiet il-kawża billi laqgħet ir-risposta tal-intimat filwaqt illi ċaħdet it-talbiet kollha rimanenti tar-rikorrenti u għalhekk qed tinterponi dan l-umli appell quddiem din l-Onorabbli Qorti abbażi ta' dawn l-aggravji; (1) illi l-appellanti hija sid mhux ikkontestata li qed toġġezzjona u ma ġietx notifikata ai termini tal-Artikolu 71(4) kemm qabel ma ġiet preżentata l-applikazzjoni u kemm wara; (2) illi l-ħames sid tal-propjetà mhux ċert u għadha mhux notifikata; (3) hemm informazzjoni falza fuq l-applikazzjoni; (4) illi l-kunsens minn uħud mis-sidien li mhux validu u semmai l-istess kunsens kien wieħed ikkundizzjonat.

Għaldaqstant, l-appellanti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tħassar, tirrevoka u tannulla d-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar nhar il-15 ta' Jannar, 2026 imsemmija hawn fuq, bl-ispejjeż.

Ir-Rikors ġuramentat numru 2/26 fl-ismijiet hawn fuq huwa diferit għas-16 ta' Novembru, 2026, fid-9.00 a.m.

Notifika: Sergio Camilleri - Westone Residence, Flat 2, Triq Sir Arturo Mercieca, Tas-Sliema

Reġistru tal-Qrati Inferjuri (Appelli), illum, il-31 ta' Awwissu, 2026

DOTT. FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 13th July, 2026, by the Court of Appeal (Inferior, Civil) in the records of Application 2/26 in the names Graziella Schembri Adami vs the Planning Authority et, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on Sergio Camilleri in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12 of the Laws of Malta.

By means of Appeal application 2/26 filed on the 2nd February, 2026 in the names premised, the appellant Graziella Schembri Adami, felt aggrieved by the decision dated 15th January, 2026, whereby it decided the cause by upholding the respondent's reply whilst dismissing all the remaining demands of the applicant and thus this humble appeal was filed before this Honourable Court on the following grounds; (1) the appellant is an uncontested owner who is objecting and was not notified in terms of Article 71(4) both before the application was filed and afterwards; (2) the fifth owner of the property is uncertain and not yet notified; (3) there is false information in the application; (4) the consent by some of the owners is not valid and in any case the same consent was conditional;

Therefore, the appellant, respectfully requests this Honourable Court to cancel, revoke and annul the judgment given by the Environment and Planning Review Tribunal on the 15th January, 2026 mentioned above, with costs.

Application number 2/26 in the names above is deferred to 16th November, 2026, at 9.00 a.m.

Notification: Sergio Camilleri – Westone Residence, Flat 2, Triq Sir Arturo Mercieca, Tas-Sliema

Registry of the Inferior Courts (Appeals), on the day, 31st August, 2026

DR FRANCO BONDIN LLD, M.Jur.,
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2403

IKUN jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja fid-9 ta' Settembru, 2026 (Rikors numru 95/2026) rikors tal-Kan. Rev. Reuben Micallef et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Ersilia Micallef, armla ta' Giuseppe Micallef, bint il-mejtin Joseph Gatt u Mary Annie née Said, imwielda Ta' Kerċem, Għawdex fis-7 t'April, 1938 u mietet ġewwa

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo) Voluntary Jurisdiction on the 9th of September, 2026 (Application number 95/2026) by Rev. Kan. Reuben Micallef et, the opening of the SUCCESSION was requested of Ersilia Micallef, widow of Giuseppe Micallef, daughter of the late Joseph Gatt and Mary Annie nee' said, born in Ta' Kerċem, Gozo on the 7th

r-Rabat, Għawdex fit-28 t' Ottubru, 2023 (Karta tal-Identità numru 25838(G)) liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur uliedha u ċioè Rev. Kan. Reuben Micallef (KI 12075G), Roseanne Apap (KI 24072G) u Alan Micallef (KI 1777G) fi kwota ta' terz (1/3) indiviż kull wieħed u waħda, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dottor Natalino Caruana De Brincat, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ġurisdizzjoni Volontarja

Illum, 14 ta' Settembru, 2026

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

April, 1938 and died in Victoria, Gozo on the 28th October, 2023 (Identity Card number 25838(G)) which opening of succession is to be made in favour of her children namely Rev. Kan. Reuben Micallef (ID 12075G), Roseanne Apap (ID 24072G) and Alan Micallef (ID 1777G) in the quota of one third (1/3) undivided share each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Natalino Caruana De Brincat, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo)

Voluntary Jurisdiction

Today, the 14th of September, 2026

DANIEL SACCO
Deputy Registrar
For the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2404

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sezzjoni Irkupru tal-Assi), fis-6 ta' Awwissu, 2026, fl-atti ta' Rikors ġuramentat numru 8/2026HM, fl-ismijiet: Ic-Chairperson Tal-Ufficcju Ghall-Irkupru Tal-Assi Et V Kont Bankarju Ma' Papaya Limited f'Isem Mohammed Asil Manalam Thottathil ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Iċ-Chairperson tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi u Il-Kummissarju tal-Pulizija vs Kont Bankarju ma' Papaya Limited bl-IBAN MT62PAPY36836000002676370063852 intestat f'isem Mohammed Asil Manalam Thottathil u l-flejjes kontenuti fih ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla (Sezzjoni Irkupru tal-Assi), fis-27 ta' Marzu, 2026, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-kont bankarju ma' Papaya Limited bl-IB ANMT62PAPY36836000002676370063852 intestat f'isem

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (asset Recovery Section), on the 6th August, 2026, in the records of Sworn application number 8/2026HM, in the names: The Chairperson of the asset Recovery Office et V Bank account with Papaya Limited in the name of Mohammed Asil Manalam Thottathil the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: The Chairperson of the asset Recovery Office and the Commissioner of Police vs Bank account with Papaya Limited with IBAN MT62PAPY36836000002676370063852 registered in the name of Mohammed Asil Manalam Thottathil and the moneys contained therein filed in the Civil Court, First Hall (asset Recovery Section), on the 27th March, 2026, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Declare that the bank account with Papaya Limited with IBANMT62PAPY36836000002676370063852 registered

Mohammed Asil Manalam Thottathil u l-flejjes kontenuti fih huma proprjetà soġġetti għall-konfiska;

2. Tordna li l-kont bankarju ma' Papaya Limited bl-IBAN MT62PAPY36836000002676370063852 intestat f'isem Mohammed Asil Manalam Thottathil u l-flejjes kontenuti fih jiġu trasferiti lill-Gvern ta' Malta.

Bl-ispejjeż kollha kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 8/2026HM fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għas-6 ta' Ottubru, 2026, fid-9.30 a.m.

Notifika Intimat:

Mohammed Asil Manalam Thottathil – Pmlp Rigas 4. Nodala, il-Latvja

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 14 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

in the name of Mohammed Asil Manalam Thottathil and the monies contained therein are property subject to confiscation;

2. Order that the bank account with Papaya Limited with IBAN MT62PAPY36836000002676370063852 registered in the name of Mohammed Asil Manalam Thottathil and the moneys contained therein be transferred to the Government of Malta.

With all costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn application number 8/2026HM in the names mentioned above is postponed to 6th October, 2026, at 9.30 a.m.

Notification respondent:

Mohammed Asil Manalam Thottathil – PMLP Rigas 4. Nodala, Latvia

Registry of the Superior Courts, today, 14th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2405

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sezzjoni Kummerċ), fit-28 ta' Awwissu 2026, fl-atti tar-Rikors ġuramentat numru 55/2026 ISB, fl-ismijiet: Jesmond Mifsud vs P.B. Alfa Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Jesmond Mifsud (KI 0193465M) vs P.B. Alfa Limited (C42716) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla fis-26 ta' Mejju, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-aġir protestat tal-kumpaniji intimati u tad-Diretturi tagħhom intimati - kemm meħud kollettivament kif ukoll meħud individwalment, u kif ġie hawn premess - jikkostitwixxi aġir oppressiv, inġustament diskriminatorju u/jew inġustament preġudizzjali fil-konfront tar-rikorrent qua azzjonist tal-Kumpaniji intimati, ai termini tal-Artikolu 402(1) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tirrestrinġi u tipprojbixxi l-allokazzjoni proposta ta' diversi Ordinary 'A' Class Shares ġodda lil Walter

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Trade Section), on the 28th August, 2026, in the records of the Sworn application number 55/2026 ISB, in the names: Jesmond Mifsud vs P.B. alfa Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Jesmond Mifsud (ID 0193465M) vs P.B. alfa Limited (C42716) et filed in the Civil Court First Hall on the 26th May, 2026, the applicants asked this Honourable Court so that:

1. Declare that the protested behaviour of the respondent companies and their directors - both taken collectively and individually, and as here premised - constitutes oppressive, unjustly discriminatory and/or unjustly prejudicial behaviour towards the applicant qua shareholder of the respondent companies, in terms of Article 402 (1) of Chapter 386 of the Laws of Malta;

2. Restrict and prohibit the proposed allocation of various new ordinary 'A' Class shares to Walter Muscat with a total

Muscat b'konsiderazzjoni totali ta' €781.00 jew għal kull konsiderazzjoni oħra li ma tirriflettix il-valur reali, ekonomiku u kummerċjali tas-sehem, fid-dawl tal-valur intrinsiku akkumulat tal-kumpaniji;

3. Tiddikjara li kwalunkwe 'waiver' presunt jew 'awtomatiku' tad-drittijiet ta' prelazzjoni (pre-emption rights) tal-azzjonisti eżistenti, mfassal fl-avviżi ta' konvokazzjoni, huwa nul u bla effett, u li l-azzjonisti jistgħu jirrinunzjaw għad-drittijiet tagħhom ta' prelazzjoni biss permezz ta' riżoluzzjoni straordinarja espressa, individwali u informata;

4. Tordna lill-kumpaniji intimati u lid-diretturi tagħha intimati li kull allokazzjoni futura ta' azzjonijiet ġodda fil-kumpaniji - anke jekk lil piloti ġodda tal-Klassi 1 - issir esklussivament fuq il-bażi ta' (a) offerta minn qabel lill-azzjonisti eżistenti fuq termini ġusti u proporzjonali, u (b) valutazzjoni ġusta, indipendenti u professjonalment akkumpanjata, li tirrifletti I-valur ekonomiku reali u effettiv tas-sehem;

5. Tordna li kwalunkwe allokazzjoni futura ta' azzjonijiet ġodda tirrikjedi awtorizzazzjoni speċifika u individwali tal-azzjonisti f'Laqgħa Ġenerali, b' informazzjoni sħiħa dwar il-konsiderazzjoni proposta u I-valwazzjoni sottostanti, u tirrestrinġi kwalunkwe awtorizzazzjoni ġenerali u kontinwa lid-diretturi sabiex jallokaw azzjonijiet ġodda mingħajr tali skrutinju sostantiv;

6. Tordna lill-kumpaniji intimiati u lid-diretturi tagħha intimati jipprovdu lir-rikorrent informazzjoni u dokumentazzjoni adegwata fir-rigward ta' kwalunkwe dividend, distribuzzjoni jew benefiċċju ekonomiku ieħor li seta' ngħata, f' kull żmien rilevanti, lil Walter Muscat jew lil kwalunkwe persuna oħra li ma kinitx azzjonijet reġistrat tal-Kumpanija, inkluż dokumentazzjoni ta' sostenn rilevanti, kontijiet u rekords ta' kontabbilità oħra;

7. Tordna r-restituzzjoni lill-kumpaniji intimati, fuq il-bażi tas-sottoartikolu (3)(f) tal-Artikolu 402, kwalunkwe somma li tirrappreżenta distribuzzjonijiet illegali jew indebiti riċevuti minn persuni li ma kinux azzjonisti reġistrati, kif ukoll kull kumpens dovut għad-danni u t-telf sofrut bħala riżultat tal-aġir protestat;

8. Tagħti kull provvediment ieħor li din l-Onorabbli Qorti tqis ġust, xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi tal-każ, inkluż ai termini tal-Artikolu 402(5) tal-Kapitolu 386 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward ta' kwalunkwe emenda tal-Memorandum and Articles of Association.

consideration of €781.00 or for any other consideration which does not reflect the real, economic and commercial value of the share, in the light of the accumulated intrinsic value of the companies;

3. Declare that any presumed or "automatic" waiver of pre-emption rights (pre-emption rights) of existing shareholders, drawn up in the notices of convocation, is null and void, and that shareholders may waive their pre-emption rights only by means of an express, individual and informed extraordinary resolution;

4. Order the respondent companies and its respondent Directors that any future allocation of new shares in the companies - even if to new Class 1 pilots - be made exclusively on the basis of a (a) pre-offer to the existing shareholders on fair and proportional terms, and (b) a fair, independent and professionally accompanied valuation, reflecting the real and effective economic value of the share;

5. Order that any future allocation of new shares requires specific and individual shareholder authorisation at a General meeting, with full information on the proposed consideration and underlying valuation, and restrict any general and ongoing authorisation to directors to allocate new shares without such substantive scrutiny;

6. Order the respondent companies and its directors to provide the applicant with adequate information and documentation in respect of any dividend, distribution or other economic benefit that may have been granted, at any relevant time, to Walter Muscat or any other person who was not registered shares of the company, including relevant supporting documentation, accounts and other accounting records;

7. Order the restitution to the respondent companies, on the basis of subarticle (3) (f) of Article 402, any sum representing illegal or undue distributions received by persons who were not registered shareholders, as well as any compensation due for damages and loss suffered as a result of the impugned behaviour;

8. Give any other provision that this Honourable Court deems just, appropriate and opportune in the circumstances of the case, including in terms of Article 402 (5) of Chapter 386 of the Laws of Malta as regards any amendment of the Memorandum and Articles of Association.

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-protesti ġudizzjarji tat-18 ta' Mejju, 2026, kontra l-intimati in solidum bejniethom, li sa minn issa qed jiġu nġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors ġuramentat numru 55/2026 ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għat-2 ta' Ottubru, 2026, fis-1.00 p.m.

Notifika:
Alan Brown – 44, 'Woodstock' , Triq in-Nisieġ, Ħaż-Żabbar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 14 ta' Settembru, 2026.

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

With costs, including those of the judicial protests of the 18th May, 2026, against the respondents in solidum between them, who are from now summoned so that a reference to their evidence be made.

The Sworn application number 55/2026 ISB in the names mentioned above is postponed to the 2nd October 2026, at 1.00 p.m.

Notify:
Alan Brown – 44, "Woodstock", Triq in-Nisieġ, Ħaż-Żabbar.

Registry of the Superior Courts, today, 14th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2406

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sezzjoni Kummerċ), fit-28 ta' Awwissu, 2026, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 55/2026/1 ISB, fl-ismijiet: Jesmond Mifsud vs P.B. Alfa Limited et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Jesmond Mifsud (ID Numru 0193465M) vs P.B. Alfa Limited (C-42716) et ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim' Awla (Sezzjoni Kummerċ) fis-26 ta' Mejju, 2026, ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tirrestrinġi u/jew tipprojbixxi lill-kumpaniji intimati P.B. Alfa Limited, P.B. Bravo Limited, P.B. Charlie Limited, P.B. Delta Limited, Breconshire Company Limited, Ocean Care Limited u Port Logistics Operations Limited u lid-Diretturi taghhom intimati Marco Portelli, Terence Farrugia, Stephen Cauchi u Kenneth Linwood - kollettivament u individwalment - milli jipproċedu bil-Laqgha Ġenerali Straordinarja konvokata ghad-29 ta' Mejju, 2026 sakemm tinghat deċiżjoni fir-rigward tal-mertu finali tar-rikors prinċipali; jew alternattivament, tirrestrinġi u/jew tipprojbixxi lill-istess intimati milli jpoġġu għal vot fl-imsemmija laqgħa - jew f'kull laqgħa ġenerali oħra sussegwenti pendenti dawn il-proċeduri - il-mozzjonijiet kif preżentati;

2. Tirrestrinġi u/jew tipprojbixxi lill-kumpaniji intimati u lid-diretturi tagħhom intimati milli (a) joħorġu, jallokaw jew jirreġistraw kwalunkwe sehem ġdid f'isem Walter

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall (Commercial Section), on the 28th August, 2026, in the records of the Sworn application number 55/2026/1 ISB, in the names: Jesmond Mifsud vs P.B. Alfa Limited et, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Chapter 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Jesmond Mifsud [ID number 0193465M] vs P.B. Alfa Limited [C-42716] et filed in the Civil Court First Hall (Commercial Section) on the 26th May, 2026, the applicants asked this Honourable Court so that:

1. Restrict and/or prohibit the respondent companies P.B. Alfa Limited, P.B. Bravo Limited, P.B. Charlie Limited, P.B. Delta Limited, Breconshire company Limited, Ocean care Limited and Port Logistics operations Limited and their respondents Directors Marco Portelli, Terence Farrugia, Stephen Cauchi and Kenneth Linwood - collectively and individually - from proceeding with the extraordinary General meeting convened for the 29th May, 2026 until a decision is given as regards the final merit of the principal application; or alternatively, restrict and/or prohibit the same respondents from putting to a vote at the said meeting - or at any subsequent general meeting pending these proceedings - the motions as presented;

2. Restrict and/or prohibit the respondent companies and their respondent directors from (a) issuing, allocating or registering any new shares on behalf of Walter Muscat

Muscat jew f'isem kwalunkwe persuna oħra; (b) jirreġistraw kwalunkwe emenda għall-Memorandum and Articles of Association tal-Kumpanija; jew (c) jissottomettu kwalunkwe formola statutorja jew dikjarazzjoni lir-Reġistru Malti tal-Kumpaniji b'effett tal-mozzjonijiet protestati - sakemm jiġi deċiż definittivament il-mertu tar-rikors prinċipali;

3. Tilqa' provviżorjament dawn it-talbiet sabiex jinżamm I-istatus quo fil-Kumpaniji intimati pendenti d-deċiżjoni finali.

U dan taħt dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha opportun li tagħti.

Ir-Rikors ġuramentat numru 55/2026/1 ISB fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa diferit għat-2 ta' Ottubru, 2026, fis-1.00 p.m.

Notifika:

Alan Brown – 44, 'Woodstock', Triq in-Nisieġ, Ħaż-Żabbar.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum, 14 ta' Settembru, 2026

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

or any other person; (b) record any amendments to the Memorandum and Articles of Association of the company; or (c) submit any statutory form or declaration to the Malta Registry of companies with effect from the motions protested - pending a definitive decision on the merits of the main application;

3. Provisionally upholds these demands in order to keep the status quo in the respondent companies pending the final decision.

And this under those provisions that this Honourable Court deems fit to give.

The Sworn application number 55/2026/1 ISB in the names mentioned above is postponed to the 2nd October, 2026, at 1.00 p.m.

Notify:

Alan Brown – 44, "Woodstock", Triq in-Nisieġ, Ħaż-Żabbar.

Registry of the Superior Courts, today, 14th September, 2026

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2407

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fid-29 ta' Mejju, 2026, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-avviż għas-smigħ ta' kawża li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Chiara Peresso.

Permezz ta' Avviż għas-Smigħ ta' kawża fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) maħruġ mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża Rikors numru 161/2018PV fl-ismijiet Joekonedo Limited vs Chiara Peresso ġiet imqiegħda għas-smigħ għat-12 ta' Ottubru, 2026, fid-9.00 a.m. quddiem il-Maġistrat Dott. Patrick Valentino.

Notifika: Chiara Peresso, The Burrow Guest House, Numru 3, Sqaq 4, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN 1740, Malta

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 11 ta' Settembru, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Courts of Magistrates (Malta) of the 29th May, 2026, the publication of the following notice of hearing of a cause was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Chiara Peresso.

By means of a Notice of Hearing of a cause which was set down for hearing issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) the Application number 161/2018PV in the names Joekonedo Limited vs Chiara Peresso was set down for hearing on the 12th October, 2026, at 9.00 a.m. before Magistrate Dr Patrick Valentino.

For the purpose of service: Chiara Peresso – The Burrow Guest House, Number 3, Alley 4, Triq Santa Marija, Ħal Tarxien TXN 1740, Malta

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 11th September, 2026

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals